SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

7 ta' Marzu 2013*

"Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Libertà ta' stabbiliment — Direttivi 73/239/KEE u 92/49/KEE — Assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni għall-ħajja — Libertà tariffarja — Kuntratti ta' assigurazzjoni għall-mard mhux marbuta mal-attività professjonali — Restrizzjonijiet — Raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali"

Fil-Kawża C-577/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-FartikArtikolu 267 TFUE, imressqa mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju) permezz ta deċiżjoni tal-10 ta' Novembru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Novembru 2011, fil-proċedura

**DKV Belgium SA**

vs

**Association belge des consommateurs Test-Achats ASBL,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, J. Malenovský, U. Lõhmus, M. Safjan u A. Prechal (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Diċembru 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal DKV Belgium SA, minn C. De Meyer u C. Gommers, avukati,

— għall-Association belge des consommateurs Test-Achats ASBL, minn V. Callewaert u F. Krenc, avukati,

— għall-Gvern Belġjan, minn L. Van den Broeck u M. Jacobs, bħala aġenti, assistiti minn M. Kaiser u S. Ben Messaoud, avukati,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u M. Bulterman, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u M. Rebelo, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn K.-P. Wojcik u C. Vrignon, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KE, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja u temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva dwar assigurazzjoni mhux tal-ħajja) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 346), tal-Artikolu 8(3) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE, tal-24 ta' Lulju 1973, dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 14), kif emendata bid-Direttiva 92/49 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 73/239"), kif ukoll tal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn DKV Belgium SA (iktar 'il quddiem "DKV") u l-Association belge des consommateurs Test-Achats ASBL (iktar 'il quddiem "Test-Achats") dwar iż-żieda tariffarja tal-primjums dovuti għal assigurazzjoni supplimentari tal-isptar tat-tip "kamra partikolari".

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 79/239 kien jipprovdi:

"Xejn f'din id-Direttiva m'għandu jipprevieni Stati Membri milli jżommu fis-seħħ jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jeħtieġu approvazzjoni tal-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni u komunikazzjoni ta' kull dokument ieħor neċessarju għal eżerċizzju normali ta' sorveljanza.

L-Istati Membri m'għandhomx, madanakollu, jadottaw dispożizzjonijiet li jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel jew in-notifika sistematika ta' kondizzjonijiet ta' politika ġenerali u speċjali, skali ta' premiums u formoli u dokumenti stampati oħrajn li intrapriża jkollha l-ħsieb li tuża fit-trattamenti tagħha ma' titolari ta' poloz.

Stati Membri ma jistgħux iżommu jew jintroduċu notifika jew approvazzjoni bil-quddiem ta' żidiet proposti fir-rati ta' premiums ħlief bħala parti minn sistemi ġenerali ta' kontroll tal-prezzijiet.

[...]"

4 L-Artikolu 28 tad-Direttiva 92/49 kien jipprovdi:

"L-Istat Membru li fih ikun jinstab ir-riskju m'għandux jipprevieni lil titolari ta' polza milli jikkonkludi kuntratt ma' intrapriża ta' assigurazzjoni awtorizzata [...] sakemm dan ma jkunx f'konflitt mad-dispożizzjonijiet legali li jipproteġu l-ġid ġenerali fl-Istat Membru li fih ikun jinstab ir-riskju."

5 Skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 92/49:

"Stati Membri m' għandhomx jadottaw dispożizzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni

minn qabel jew notifika sistematika ta' kondizzjonijiet ta' politika ġenerali u speċjali, skali ta' laġġju jew formoli u dokumenti stampati oħrajn li intrapriża ta' l-assigurazzjoni jkollha l-ħsieb li tuża fittrattamenti tagħha ma titolari tal-poloz. Huma jkunu jistgħu jeħtieġu biss notifika mhux sistematika ta' dawk il-kondizzjonijiet tal-polza u dokumenti oħrajn għall-iskop ta' verifika tal-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw kuntratti ta' assigurazzjoni, u dik il-ħtieġa ma tistax tikkostitwixxi kondizzjoni bil-quddiem biex intrapriża ssegwi in-negozju tagħha.

Stati Membri ma jistgħux iżommu jew jintroduċu notifika jew approvazzjoni bil-quddiem taż-żidiet proposti fir-rati tal-premium ħlief bħala parti minn sistemi ġenerali ta' kontroll tal-prezzijiet."

6 L-Artikolu 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 kien jipprovdi:

"2. L-Istat Membru tal-fergħa jew tal-provvista ta' servizzi m'għandux jadotta dispożizzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel jew notifika sistematika ta' kondizzjonijiet ta' politika ġenerali u speċjali, skali ta' premium, jew formoli u dokumenti stampati oħrajn li l-intrapriża jkollha l-ħsieb li tuża fit-trattamenti tagħha ma' titolari tal-poloz. Huwa jista biss jeħtieġ li intrapriża li tipproponi li ssegwi negozju ta' assigurazzjoni fit-territorju tiegħu, skond id-dritt ta' stabbiliment jew tal-libertà li jiġu provduti servizzi, tagħmel notifika mhux sistematika ta' dawk il-kondizzjonijiet ta' poloz u dokumenti oħrajn għall-iskop ta' verifika ta' konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw kuntratti ta' assigurazzjoni, u dik il-ħtieġa ma tistax tikkostitwixxi kondizzjoni bil-quddiem biex intrapriża ssegwi in-nogozju tagħha.

3. L-Istat Membru tal-fergħa jew tal-provvista ta' servizzi ma jistax iżomm jew jintroduċi notifika jew approvazzjoni bil-quddiem taż-żidiet proposti fir-rati tal-premium ħlief bħala parti minn sistemi ġenerali ta' kontroll tal-prezzijiet."

*Id-dritt Belġjan*

7 L-Artikolu 138a-4 tal-liġi tal-25 ta' Ġunju 1992 dwar il-kuntratt ta' assigurazzjoni tal-art (*Moniteur belge* tat-8 ta' Lulju 2009, p. 47120, iktar 'il quddiem il-"liġi dwra il-kuntratt ta' assigurazzjoni mhux relatata mal-baħar"), jipprovdi:

"§ 1er. Ħlief fil-każ ta' ftehim reċiproku bejn il-partijiet u fuq it-talba esklużiva tal-persuna assigurata prinċipali, kif ukoll fil-każijiet imsemmija fi §§ 2, 3 u 4, l-assiguratur ma jistax iwettaq bidliet fuq il-bażijiet tekniċi tal-primjum u lanqas fuq il-kundizzjonijet ta' kopertura wara li l-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-mard jkun ġie konkluż.

[...]

§ 2. Il-primjum, l-eżenzjoni u l-benefiċċju jistgħu jiġu adattati għad-data ta' skadenza annwali tal-primjum abbazi tal-indiċi tal-prezzijiet fuq il-konsum.

§ 3. Il-primjum, l-eżenzjoni u l-benefiċċju jistgħu jiġu adattati, fid-data ta' skadenza annwali tal-primjum u abbażi ta' indiċi wieħed jew iktar speċifiċi, mal-ispejjeż tas-servizzi koperti mill-kuntratti privati ta' assigurazzjoni għall-mard jekk u sa fejn l-iżvilupp ta' dan jew ta' dawn l-indiċi jaqbeż dak tal-indiċi tal-prezzijiet fuq il-konsum.

[...]

§ 4. L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ma jippreġudikax l-Artikolu 21 f [tal-liġi tad-9 ta' Lulju 1975 dwar il-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni (*Moniteur belge* tad-29 ta' Lulju 1975, p. 9267), kif emendat bil-liġi tas-17 ta' Ġunju 2009 (*Moniteur belge* tat-8 ta' Lulju 2009, p. 47120, iktar 'il quddiem il-'liġi dwar il-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni')].

[...]"

8 Skont l-Artikolu 21 f(2) tal-liġi dwar il-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni:

"Il-[kummissjoni bankarja, finanzjarja u tal-assigurazzjoni, iktar 'il quddiem il-'KBFA'] tista' teħtieġ li impriża toħloq bilanċ fit-tariffa jekk hija tikkonstata li l-applikazzjoni ta' din it-tariffa tagħti lok għal telf.

[...] [I]l-KBFA, fuq l-applikazzjoni ta' impriża u jekk hija tikkonstata li l-applikazzjoni ta' din it-tariffa, minkejja l-applikazzjoni tal-Artikolu 138a-4 §§ 2 u 3, tal-liġi [...] fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni mhux relatata mal-baħar, tagħti lok jew ikun hemm riskju li tagħti lok għal telf, fil-każ ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għall-mard li ma huwiex wieħed professjonali [...], tista' tawtorizza lill-impriża sabiex tieħu miżuri sabiex toħloq bilanċ fit-tariffi. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu adattament tal-kundizzjonijiet ta' kopertura.

[...]"

9 Mis-sentenza Nru 90/2011 tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju 2011 (li siltiet minnha huma ppubblikati fil-*Moniteur belge* tal-10 ta' Awwissu 2011, p. 45413) li għaliha tirreferi l-qorti tar-rinvju, jirriżulta li l-għan segwit mil-leġiżlatur Belġjan matul l-adozzjoni tal-liġi dwar il-kuntratt ta' assigurazjoni mhux relatata mal-baħar huwa li jagħmel mill-Artikolu 138a-4 tagħha dispożizzjoni intiża li tipproteġi l-konsumatur u, b'mod partikolari, li tipprekludi li dan jiġi suġġett għal żidiet sinjifikattivi u mhux mistennija tal-primjums tal-assigurazzjoni.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, f'nofs ix-xahar ta' Diċembru 2009, DKV, impriża ta' assigurazzjoni attiva fis-suq tal-prodotti ta' assigurazzjoni għall-mard u għall-isptar, permezz ta' ittra, informat lill-persuni assigurati tagħha kollha li jibbenefikaw minn assigurazzjoni supplimentari għall-isptar tat-tip "kamra partikolari" li hija kienet ser tapplika żieda tariffarja ta' 7.84 % tal-primjums dovuti għal din l-assigurazzjoni, sa mill-iskadenza prinċipali tal-kuntratt tagħhom fl-2010.

11 Qabel ma ħadet din id-deċiżjoni ta' żieda, DKV kienet indirizzat talba għal awtorizzazzjoni lill-KBFA. Peress li kkunsidrat b'mod partikolari li kellha tistenna l-iffissar ta' wieħed jew iktar indiċi speċifiċi, imsemmija fl-Artikolu 138a-4(3) tal-liġi dwar il-kuntratt ta' assigurazzjoni mhux relatata mal-baħar (iktar 'il quddiem l-"indiċi mediku"), din il-kummissjoni ma laqgħetx din l-applikazzjoni.

12 B'ċitazzjoni tat-22 ta' Frar 2010, Test-Achats ressqet quddiem il-President tat-tribunal de commerce de Bruxelles azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni intiża, b'mod partikolari, sabiex DKV tiġi obbligata li ma tapplikax din iż-żieda.

13 Peress illi din il-qorti, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2010, laqgħet parzjalment din l-azzjoni, DKV appellatha quddiem il-qorti tar-rinviju.

14 Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, DKV issostni b'mod partikolari li l-Artikoli 138a-4 tal-liġi dwar il-kuntratt ta' assigurazzjoni mhux relatata mal-baħar u 21f(2) tal-liġi dwar il-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni jiksru l-prinċipju tal-libertà tariffarja, stabbilit fl-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 kif ukoll fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 79/239, peress illi huma jistabbilixxu sistema

ta' approvazzjoni minn qabel tat-tariffi. Minbarra dan, skont DKV, dawn l-ewwel dispożizzjonijiet huma inkompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-impriża tal-assigurazzjoni stabbilita fi Stat Membru li ma huwiex ir-Renju tal-Belġju u li tixtieq tikkonkludi, fil-Belġju, kuntratti ta' assigurazzjoni għall-mard.

15 Test-Achats issostni li l-prinċipju ta' libertà tariffarja invokat minn DKV ma huwiex espliċitament stabbilit mid-dritt tal-Unjoni u ma jistax jiġi kkunsidrat bħala prinċipju assolut u mingħajr limiti.

16 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fit-22 ta' Ġunju 2010, il-KBFA ikkonstatat li, abbażi tal-indiċi mediku li fil-frattemp kien ġie ffissat, DKV setgħet iżżid it-tariffi tagħha għall-assigurazzjoni kkonċernata għal 7.45 %. Filwaqt li DKV talbet li tapplika żieda ta' 7.84 %, jiġifieri żieda ta' 0.39 % fir-rigward tal-indiċi mediku, il-KBFA kkunsidrat li din id-differenza ma toħloqx telf fil-kategorija tal-prodotti ta' assigurazzjoni kkonċernati u bħala konsegwenza ċaħdet din l-applikazzjoni għal żieda.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-cour d'appel ta' Bruxelles iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikoli 29 u 39 [paragrafi] 2 u 3 tad-Direttiva [92/49] u 8 [paragrafu 3] tad-Direttiva [73/239], minn naħa, u l-Artikoli 49 [TFUE] u 56 [TFUE], min-naħa l-oħra, għandhom ikunu interpretati bħala li jipprojbixxi l-Istati Membri milli jipprovdu, fil-kuntest ta' kuntratti ta' assigurazzjoni għall-mard mhux relatati max-xogħol, dispożizzjonijiet li taħthom il-primjum, l-eżenzjoni u l-prestazzjoni jistgħu jiġu adattati, fid-data annwali tal-primjum annwali biss:

— abbażi tal-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur;

— abbażi [tal-indiċi mediku], għall-ispejjeż tas-servizzi koperti mill-kuntratti privati ta' assigurazzjoni għall-mard [...] jekk u sa fejn l-evoluzzjoni ta' dan [indiċi] jaqbeż dak tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsum;

— permezz tal-approvazzjoni ta' awtorità amministrattiva, responsabbli għas-sorveljanza ta' kumpanniji ta' assigurazzjoni, fuq talba tal-kumpannija ta' assigurazzjoni kkonċernata, meta din l-awtorità tikkonstatata li r-rata tat-tariffa ta' din l-impriża, minkejja l-adattamenti kkalkolati abbażi tal-indiċijiet msemmija fil-paragrafi preċedenti, jikkawżaw jew jistgħu jikkawżaw telf, li jippermettilha biex b'hekk tieħu miżuri sabiex it-tariffi tagħha jkunu bilanċjati, li jistgħu jinkludu arranġamenti fil-kundizzjonijiet ta' kopertura?"

## Fuq id-domanda preliminari

*Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 u 8(3) tad-Direttiva 73/239*

18 DKV issostni li s-sistema ta' approvazzjoni preliminari ta' żieda tariffarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur kontra l-prinċipju ta' libertà tariffarja li jirriżulta mill-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 u 8(3) tad-Direttiva 73/239. Teżisti biss deroga waħda għal dan il-prinċipju, jiġifieri sistema ġenerali ta' kontroll tal-prezzijiet. Issa, din is-sistema ta' approvazzjoni preliminari ta' żieda tariffarja ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tagħmel parti minn sistema ġenerali ta' kontroll tal-prezzijiet, peress li ma taffettwax il-prodotti u s-servizzi kollha offerti lill-pubbliku, iżda hija limitata għall-assigurazzjoni għall-mard.

19 Il-Kummissjoni Ewropea tqis ukoll li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur kontra l-prinċipju ta' libertà tariffarja. Min-naħa l-oħra, Test-Achats kif ukoll il-Gvern Belġjan, Olandiż u Portigiż jikkunsidraw li dan ma huwiex il-każ.

20 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 u 8(3) tad-Direttiva 73/239 jipprojbixxu Stat Membru milli jintroduċi sistema ta' approvazzjoni minn qabel jew ta' komunikazzjoni sistematika tar-rati li impriża ta' assigurazzjoni tipproponi li tuża fit-territorju tiegħu fir-relazzjonijiet tagħha mat-titolari tal-poloz (ara s-sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-518/06, Ġabra p. I-3491, punt 100).

21 Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat, il-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jiggarantixxi l-prinċipju tal-libertà tariffarja fis-settur tal-assigurazzjoni mhux relata mal-ħajja (sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Madankollu, armonizzazzjoni kompleta tal-qasam tariffarju fil-kuntest ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja li teskludi kull miżura nazzjonali li tista' jkollha riperkussjonijiet fuq it-tariffi ma tistax tiġi preżunta fl-assenza ta' rieda espressa b'mod ċar f'dan is-sens mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea (sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-346/02, Ġabra p. I-7517, punt 24, u Il-Kummissjoni vs Franza, C-347/02, Ġabra p. I-7557, punt 25, kif ukoll Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 106).

23 Għalhekk, leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi qafas tekniku li fih l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jikkalkolaw il-primjums tagħhom ma tmurx kontra l-prinċipju ta' libertà tariffarja għar-raġuni biss li dan il-qafas tekniku għandu riperkussjonijiet fuq l-evoluzzjoni tat-tariffi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, punt 25; Il-Kummissjoni vs Franza, punt 26, u Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 105).

24 Fir-rigward ta' sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-impriżi ta' assigurazzjoni huma awtorizzati jżidu t-tariffi tagħhom abbażi ta' żewġ tipi ta' indiċi, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet fuq il-konsum u l-indiċi mediku.

25 Għandu jiġi kkonstatat li tali sistema, li ma taffettwax il-possibbiltà għal dawn l-impriżi li jiffissaw liberament il-primjum bażiku tagħhom, tippreżenta l-karatteristiċi ta' qafas tekniku fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 23 ta' din is-sentenza.

26 Fil-fatt, peress li ma tippermettix żidiet tariffarji fuq il-bażi ta' żewġ tipi ta' indiċi, din l-istess sistema tiffunzjona bħala qafas tekniku limitat għall-istruttura taż-żieda fit-tariffi, li fiha l-impriżi ta' assigurazzjoni għandhom jikkalkolaw il-primjums tagħhom.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt biss li l-awtorità amministrattiva inkarigata mill-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni tista', fuq it-talba ta' impriża ta' assigurazzjoni, tiddeċiedi li tawtorizzaha li tieħu miżuri sabiex toħloq bilanċ fit-tariffi tagħha meta dawn jagħtu lok jew ikun hemm riskju li jagħtu lok għal telf, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi kkontestata n-natura tal-qafas tekniku tas-sistema ta' żieda tariffarja inkwistjoni.

28 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-Artikolu 28 tad-Direttiva 92/49. Fil-fatt, il-"ġid ġenerali" ["interess ġenerali"] msemmi f'din id-dispożizzjoni ma jikkostitwixxix, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, kriterju rilevanti sabiex jiġi vverifikat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali hijiex ta' natura li tippreġudika l-prinċipju ta' libertà tariffarja fis-sens tal-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 u 8(3) tad-Direttiva 73/239 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-59/01, Ġabra p. I-1759, punt 38).

29 Jirriżulta minn dak kollu li ntqal li sistema ta' żieda tariffarja, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tmur kontra l-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 u 8(3) tad-Direttiva 79/239.

*Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE*

Fuq il-kunċett ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

30 Test-Achats issostni li sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkostitwixxix restrizzjoni fis-sens tal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE, altrimenti tkun trid tiġi kkwalifikata bħala restrizzjoni kull miżura nazzjonali li hija intiża sabiex tipprovdi struttura għal bidla ta' element essenzjali ta' kuntratt matul l-eżekuzzjoni tiegħu.

31 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' "restrizzjoni" fis-sens tal-Artikoli 43 KE u 49 KE jirrigwarda l-miżuri li jipprojbixxu, ifixklu jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar f'liema ċirkustanzi miżura li tapplika mingħajr distinzjoni, bħas-sistema ta' żieda tariffarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax taqa' taħt l-imsemmi kunċett, għandu jitfakkar li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma tikkostitwixxix restrizzjoni fis-sens tat-Trattat FUE minħabba l-fatt biss li Stati Membri oħra japplikaw regoli inqas restrittivi jew ekonomikament iktar interessanti għal dawk li jipprovdu servizzi simili stabbiliti fit-territorju tagħhom (ara s-sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' restrizzjoni jkopri l-miżuri meħuda minn Stat Membru li, minkejja applikabbli mingħajr distinzjoni, jaffettwaw l-aċċess għas-suq għall-impriżi ta' Stati Membri oħra u jostakolaw għalhekk il-kummerċ intra-Komunitarju (sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Issa, sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista', hekk kif isostnu ġustament DKV u l-Kummissjoni, tiddiswadi lill-impriżi ta' assigurazzjoni li s-sede tagħhom tinsab fi Stat Membru li ma huwiex dak li stabbilixxa tali sistema milli jiftħu fergħa f'dan l-aħħar Stat jew mili joffru l-prodotti tagħhom hemmhekk taħt is-sistema ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi.

35 Fil-fatt, dawn l-impriżi mhux biss ikollhom jibdlu l-kundizzjonijiet u t-tariffi tagħhom sabiex iwieġbu għar-rekwiżiti mitluba minn din is-sistema, iżda wkoll jiddeterminaw il-pożizzjoni tariffarja tagħhom, u għalhekk l-istrateġija kummerċjali tagħhom, fil-mument tal-iffissar inizjali tal-primjums, bir-riskju li ż-żidiet tariffarji futuri jkunu insuffiċjenti sabiex ikopru l-ispejjeż li jridu jlaħħqu magħhom.

36 Isegwi li l-impriżi ta' assigurazzjoni li jkunu aċċedew għas-suq ta' Stat Membru li jkun stabbilixxa sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma obbligati, jekk huma jixtiequ jaċċedu għal dan is-suq f'kundizzjonijiet kompatibbli mal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru, li jaħsbu mill-ġdid il-politika u l-istrateġija kummerċjali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 69).

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kkunsidrata bħala li tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Fuq il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

38 Restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tista' tiġi aċċettata jekk jirriżulta li din twieġeb għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, li hija xierqa sabiex tiggarantixxi l-ksib tal-għan li hija ssegwi u li hija ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Test-Achatas kif ukoll il-Gvern Belġjan, Olandiż u Portugiż essenzjalment isostnu li din il-kundizzjoni hija sodisfatta fir-rigward ta' sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża pirnċipali, filwaqt li DKV tqis lil dan ma huwiex il-każ. Il-Kummissjoni, fir-rigward tagħha, tesprimi dubju rigward in-natura proporzjonali ta' tali sistema meta pparagunata mal-għan segwit.

40 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fl-ewwel lok, hekk kif jirriżulta mill-punt 9 ta' din is-sentenza, sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha bħala għan li tipproteġi l-konsumatur u, b'mod partikolari, li tipprekludi l-persuna assigurata milli jkollha tħabbat wiċċha ma' żidiet sinjifikattivi u mhux mistennija tal-primjums tal-assigurazzjoni.

41 Issa, l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, peress li s-settur tal-assigurazzjoni huwa qasam partikolarment sensittiv mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-konsumatur bħala titolari tal-polza u bħala persuna assigurata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, 205/84, Ġabra p. 3755, punti 32 u 33).

42 Fit-tieni lok, sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprekludi lill-impriżi tal-assigurazzjoni li japplikaw żidiet sinjifikattivi u mhux mistennija tal-primjums ta' assigurazzjoni, tidher xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan segwit.

43 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-kwistjoni jekk tali sistema tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan segwit, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, hekk kif osservaw Test-Achats u l-Gvern Belġjan, waħda mill-karatteristiċi tal-assigurazzjoni għall-isptar tikkonsisti fil-fatt li l-probabbiltajiet ta' intervent tal-assiguraturi jiżdiedu iktar ma tiżdied l-età tal-persuni assigurati, sa fejn iż-żieda tal-ispejjeż mediċi huma sostnuti matul l-aħħar snin tal-ħajja. Għalhekk, hekk kif barra minn hekk osservat ukoll il-Kummissjoni, filwaqt li assigurazzjoni supplimentari għall-isptar tat-tip "kamra partikolari", bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista' tiġi offerta b'tariffi baxxi lil persuni assigurati relattivament żgħar, dawn it-tariffi huma ta' natura li jiżdiedu iktar ma tiżdied l-età tal-persuna assigurata kif ukoll l-ispejjeż li din il-persuna assigurata toħloq għal minn jassiguraha.

44 Issa, fir-rigward ta' tali karatteristika, sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti li jiġi ggarantit li persuna assigurata ma tħabbatx wiċċha, f'età iktar avvanzata meta preċiżament ikollha bżonn din l-assigurazzjoni, ma' żieda sinjifikattiva u mhux mistennija tal-primjums ta' assigurazzjoni tagħha, li jċaħħadha mill-benefiċċju ta' din l-assigurazzjoni, f'każ li ma tkunx tista' tħallas l-ispiża.

45 Min-naħa l-oħra, peress li huwa paċifiku li sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tipprojbixxix lill-impriżi tal-assigurazzjoni milli jiffissaw liberament il-primjum bażiku, tali sistema wkoll ma tipprekludihomx milli jieħdu inkunsiderazzjoni, fil-mument tal-iffissar ta' dan il-primjum bażiku, spejjeż iktar għoljin li l-kopertura ta' assigurazzjoni tinkludi meta l-persuna assigurata tkun laħqet età iktar avvanzata.

46 Barra minn hekk, hekk kif tfakkar fil-punt 27 ta' din is-sentenza, l-awtorità amministrattiva inkarigata mill-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni tista', fuq it-talba ta' impriża ta' assigurazzjoni, tawtorizzaha tieħu miżuri sabiex toħloq bilanċ fit-tariffi tagħha meta dawn jagħtu lok jew ikun hemm riskju li jagħtu lok għal telf.

47 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi speċifiċi u sakemm ma teżistix miżura inqas restrittiva li tippermetti li jintlaħaq, taħt l-istess kundizzjonijiet, l-għan ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra żidiet sinjifikattivi u mhux mistennija tal-primjums tal-assigurazzjoni, haġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, ma jidhirx li sistema ta' żieda tariffarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

48 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, id-domanda magħmula għandha tiġi risposta li l-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva 92/49 u l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 73/239 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi, fil-kuntest tal-kuntratti ta' assigurazzjoni għall-mard mhux marbuta mal-attività professjonali, dispożizzjonijiet li skont dawn il-primjum, l-eżenzjoni u l-benefiċċju ma jistgħux jiġu adattati annwalment ħlief:

— abbażi tal-indiċi tal-prezzijiet fuq il-konsum, jew

— abbażi ta' indiċi msejjaħ "mediku" jekk u sa fejn l-evoluzzjoni ta' dan l-indiċi taqbeż dik tal-indiċi tal-prezzijiet fuq il-konsum, jew

— wara li tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni ta' awtorità amministrattiva, inkarigata mill-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni, fuq it-talba tal-impriża ta' assigurazzjoni kkonċernata, meta din l-awtorità tikkonstata li l-applikazzjoni tat-tariffa ta' din l-impriża, minkejja l-adattamenti tariffarji kkalkolati abbażi ta' dawn iż-żewġ tipi ta indiċi, tagħti lok jew ikun hemm riskju li tagħti lok għal telf.

49 L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni, sakemm ma teżistix miżura inqas restrittiva li tippermetti li jintlaħaq, taħt l-istess kundizzjonijiet, l-għan ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra żidiet sinjifikattivi u mhux mistennija tal-primjums tal-assigurazzjoni, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

**Fuq l-ispejjeż**

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 29 u 39(2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja u temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva dwar assigurazzjoni mhux tal-ħajja) u l-Artikolu 8(3) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE, tal-24 ta' Lulju 1973, dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja, kif emendata bid-Direttiva 92/49, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi, fil-kuntest tal-kuntratti ta' assigurazzjoni għall-mard mhux marbuta mal-attività professjonali, dispożizzjonijiet li skont dawn il-primjum, l-eżenzjoni u l-benefiċċju ma jistgħux jiġu adattati annwalment ħlief:**

— **abbażi tal-indiċi tal-prezzijiet fuq il-konsum, jew**

— **abbażi ta' indiċi msejjaħ "mediku" jekk u sa fejn l-evoluzzjoni ta' dan l-indiċi taqbeż dik tal-indiċi tal-prezzijiet fuq il-konsum, jew**

— **wara li tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni ta' awtorità amministrattiva, inkarigata mill-kontroll tal-impriżi ta' assigurazzjoni, fuq it-talba tal-impriża ta' assigurazzjoni kkonċernata, meta din l-awtorità tikkonstata li l-applikazzjoni tat-tariffa ta' din l-impriża, minkejja l-adattamenti tariffarji kkalkolati abbażi ta' dawn iż-żewġ tipi ta indiċi, tagħti lok jew ikun hemm riskju li tagħti lok għal telf.**

**L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni, sakemm ma teżistix miżura inqas restrittiva li tippermetti li jintlaħaq, taħt l-istess kundizzjonijiet, l-għan ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra żidiet sinjifikattivi u mhux mistennija tal-primjums tal-assigurazzjoni, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.**

Firem